32000R2294

L 262/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.10.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2294/2000

tas-16 ta' Ottubru 2000

li jidderoga minn l-Artikolu 31(10) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib fejn jirrigwarda prova ta' wasla f'destinazzjoni fil-każ ta' rifużjonijiet differenzjati u li jiffissa regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-aktar rata ta' rifużjoni ta' esportazzjoni baxxa għal ċerti prodotti tal-ħalib

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif emendat bir-Regolamenti (KE) Nru 1670/2000 [2], u partikolarment Artikolu 31(10) u (14) tiegħu,

billi:

(1) It-tielet inċis ta' Artikolu 31(10) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jistipula li fil-każ ta' rifużjonijiet differenzjati r-rifużjoni għandha titħallas mal-preżentazzjoni ta' prova li l-prodotti kienu waslu fid-destinazzjoni murija fil-liċenzja jew destinazzjoni oħra li għaliha rifużjoni kienet iffissata. Eċċezzjonijiet għal dik ir-regola huma possibli sakemm ikun hemm kundizzjonijiet stipulati li joffru garanziji ekwivalenti.

(2) Fil-każ fejn rifużjonijiet ta' esportazzjoni huma differenzjati skond id-destinazzjoni, Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru No 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jiffissa regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta'rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq prodotti agrikoli [3], kif emendat bir-Regolamenti (KE) Nru 1557/2000 [4], jistipula li parti mir-rifużjoni, kalkolata fuq l-anqas rata ta' rifużjoni, għandha titħallas ma' l-applikazzjoni mill-esportatur ladarba prova hija miġjuba li l-prodott ħalla t-territorju tad-dwana tal-Komunità.

(3) Skond arranġamenti speċjali ma' ċerti pajjiżi terzi, ir-rata ta' rifużjoni applikabbli għall-esportazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib għal dawk il-pajjiżi tista' tkun anqas, f'xi każi b'ammont kbir, mir-rifużjoni normalment applikata. Huwa wkoll possibbli li rifużjoni ma tkunx iffissata u għalhekk l-anqas rata ta' rifużjoni hija wkoll ir-riżultat tan-nuqqas ta' iffissar ta' rifużjoni.

(4) Artikolu 20a (8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jiffissa regoli speċjali dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 fejn jirrigwarda liċenzi ta' esportazzjoni u rifużjonijiet ta' esportazzjoni fil-każ ta' ħalib u prodotti tal-ħalib [5], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1961/2000 [6], li jipprovdi għal differenzjar ta' rifużjoni għal ċerti trab tal-ħalib li huma fil-kodiċi nru 0402 tan-nomenklatura kombinata maħsub għal esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana.

(5) L-arrangamenti speċjali għal esportazzjoni lejn ir-Repubblika Dominikana ta' ċerti prodotti li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali fuq l-importazzjoni f'dak il-pajjiż jiggarantixxu li prodotti li għalihom giet applikata rifużjoni maħsuba għal destinazzjonijiet oħra jew għal dik id-destinazzjoni iżda li hi barra l-arranġamenti speċjali, ma jistgħux jiġu importati fir-Repubblika Dominikana skond l-arrangamenti speċjali stipulati fil-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Dominikana.

(6) Għandu għalhekk jittieħed kont ta' dawk l-arranġamenti speċjali meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq tar-Regolamenti (KE) Nri 1255/1999 u (KE) Nri 800/1999 sabiex esportaturi ma jiġux mgħobbija bi spejjeż bla bżonn fin-negozju tagħhom ma' pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, meta l-anqas rata ta' rifużjoni hija stabbilita, m'għandha tittieħed l-ebda konsiderazzjoni ta' rati ffissati skond il-kondizzjonijiet u għad-destinazzjoni partikolari in kwistjoni.

(7) Il-kwota ta' tariffa għad-destinazzjoni tar-Repubblika Dominikana tapplika mill-1 ta' Lulju 2000 u b'hekk operaturi jistgħu jibbenefikaw minn dik id-deroga mill-istess data.

(8) Il-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ħalib u Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'deroga tat-tielet inċis ta' l-Artikolu 31(10) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 20a (14) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999, prova ta' wasla fid-destinazzjoni ma tkunx meħtiega għall-prodotti imsemmija f' Artikolu 20a (3) u (11) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999.

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.
[2] ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 10.
[3] ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11.
[4] ĠU L 179, tat-18.7.2000, p. 6.
[5] ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.
[6] ĠU L 234, tas-16.9.2000, p. 10.

Artikolu 2

Ir-rifużjoni speċjali msemmija f' Artikolu 20a (8) tar- Regolament (KE) Nru 174/1999, li l-anqas rata tagħha hija aktar baxxa mill-anqas rata iffissata għal destinazzjonijiet oħra, ma tittiħidx in konsiderazzjoni biex tiġi stabbilita l-anqas rata fit-tifsira ta' Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika għal liċenzji ta' esportazzjoni mitluba mill-1 ta' Lulju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Ottubru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni